Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13154/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0809 (NLE)

INST 348

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL meħuda bi qbil komuni mal-President tal-Kummissjoni li taħtar Membru tal-Kummissjoni Ewropea |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/…**

**meħuda bi qbil komuni mal-President tal-Kummissjoni**

**ta' …**

**li taħtar Membru tal-Kummissjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 246 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[1],

[1] Opinjoni ta' … 2023 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

(1) Fit-28 ta' Novembru 2019, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/1989[1] li taħtar lill-Kummissjoni Ewropea għall-perjodu sal-31 ta' Ottubru 2024.

(2) F'ittra datata t-22 ta' Awwissu 2023, is-Sa Ursula VON DER LEYEN, President tal-Kummissjoni, infurmat lill-Kunsill li s-Sur Frans TIMMERMANS kien irriżenja mill-kariga tiegħu bħala Membru tal-Kummissjoni.

(3) F'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 246 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, post battal ikkawżat minn riżenja għandu jimtela għall-bqija tal-mandat tal-Membru minn Membru ġdid tal-istess nazzjonalità.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li jinħatar Membru ġdid tal-Kummissjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/1989 tat-28 ta' Novembru 2019 li taħtar lill-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 308, 29.11.2019, p. 100).

*Artikolu 1*

Bi qbil komuni mas-Sa Ursula VON DER LEYEN, President tal-Kummissjoni, il-Kunsill jaħtar lis-Sur Wopke HOEKSTRA bħala Membru tal-Kummissjoni għall-bqija tal-mandat, jiġifieri sal-31 ta' Ottubru 2024.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*